MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 597/2013

**Tatyana Cilia**

**vs**

**MLG Limited (C 28768) u b'digriet tal-Qorti tas-26 ta' Lulju 2013, il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Pauline Mallia bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-kumpanija MLG Limited (C 28768)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Tatyana Cilia, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

L-esponenta tahdem fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fil-kuntest tas-servizzi illi tipprovdi ssuplixxiet is-servizz ta' registered office lill-kumpanija MLG Limited.

Kien hemm zmien meta kien hemm qbil bejn l-esponenta u l-promoturi tal-kumpanija MLG Limited illi l-MLG Limited kellha l-permess illi tuza' l-indirizz residenzjali tal-esponenta bhala l-indirizz registrat taghha.

Sal-gurnata tal-lum, il-kumpanija konvenuta ghadha tuza' l-indirizz JDR Flats, Flat 3, Pietru Xuereb Street, il-Hamrun, bhala l-indirizz registrat taghha.

Illum-il gurnata, l-esponenta trid tiddizassoccja ruhha kompletament mill-kumpanija MLG Limited.

L-esponenta ma tridx illi l-intimata tibqa' tuza' l-fond illi jinsab JDR Flats, Flat 3, Pietru Xuereb Street, il-Hamrun, bhala l-indirizz registrat taghha.

Il-kumpanija MLG Limited (C 28768) qed tuza' l-imsemmi indirizz minghajr id-debitu permess, b'mod illegali, irregolari u abbuziv.

L-esponenta pprotestat lill-kumpanija MLG Limited b'dana kollu.

Dan il-fatti, l-esponenta taf bihom personalment.

Din il-kawza qed issir sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta MLG Limited (C 28768) qed tuza' bhala indirizz registrat taghha l-indirizz JDR Flats, Flat 3, Pietru Xuereb Street, il-Hamrun, b'mod illegali u abbuziv.

Din il-kawza qed issir sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-kumpanija ma tibqax tuza' l-imsemmi indirizz.

Tablet il-konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija MLG Limited (C 28768) qed tuza' l-indirizz JDR Flats, Flat 3, Pietru Xuereb Street, il-Hamrun, bhala indirizz registrat taghha b'mod illegali u abbuziv.

Tordna lill-kumpanija MLG Limited (C 28768) ma tibqax tuza' l-indirizz f'JDR Flats, Flat 3, Pietru Xuereb Street, il-Hamrun, bhala indirizz registrat taghha.

Tinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati mahtura biex jirraprezentaw lill-kumpanija MLG Limited, li in forza taghha eccepew illi:

F'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob lill-Qorti tordna lis-socjeta' intimata tieqaf tuza' l-indirizz personali tar-rikorrenti bhala l-indirizz taghha ghaliex dan qed isir b'mod abbuziv u llegali.

Jirrizulta illi r-rikorrenti tokkupa kariga ta' office manager ta' Prospera Europe Limited. F'Gunju 2005, din is-socjeta' assumiet lil MLG Limited bhala klijenta taghha u bi qbil mar-rikorrenti, intuza' l-indirizz tar-residenza tar-rikorrenti bhala l-indirizz registrat tas-socjeta' intimata. Meta MLG Limited waqfet tonora l-obbligi taghha ma' Prospera Europe, din tal-ahhar temmet is-servizz li kienet qed tipprovdi lil MLG Limited. Ghalkemm giet ufficjalment informata b'dan, MLG baqghet tuza' l-istess indirizz kontra r-rieda tar-rikorrenti, li issa m'ghandha ebda konnessjoni ma' MLG Limited.

Il-kuraturi deputati mahtura biex jidhru ghal MLG Limited ma ressqu ebda prova li tista' b'xi mod tikkontradixxi dak li ssostni r-rikorrenti. Ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn MLG Limited b'dana illi r-rikorrenti ghandha thallas provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------